MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 107/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Ronald Perici abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi u l-istess Ronald Perici (699039(M)).**
**Vs**
**Joseph Attard**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn l-atturi qed jitlobu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 159.75 (mija u disgħa u hamsin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu) bħala ħlas ta' danni sofferti minn Ronald Perici, konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ nhar it-23 ta' Ġunju, 2003 ġewwa Birkirkara.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont mitlub ta' mija u disgħa u hamsin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm 159.75) jirrappreżenta d-

danni kollha sofferti mill-attur, Ronald Perici assigurat tas-soċjeta' attriċi, Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li għalihom għamlu tajjeb, kwantu għall-ammont ta' mija u erbgħa u tletin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm 134.75), is-soċjeta' attriċi Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25), l-istess Ronald Perici in linea ta' excess payment, bħala riżultat ta' l-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta' Ġunju, 2003 ġewwa Triq Ganu, Birkirkara, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur, Ronald Perici, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 529 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni HAD 586, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat ta' traskuraġni, negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru, 2004 u ta' l-ittra uffiċjali li qed tintbagħat kontestwalment ma' dan l-att, lis-soċjeta' assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra uffiċjal tat-13 ta' Ottubru, 2004 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Attard fejn ingħad:-

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi, u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort tal-konvenut, iżda seħħ unikament tort ta' Arthur Perici, minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kolliżjoni odjerna huwa każ fejn hemm żewġ verżjonijiet opposti għal xulxin dwar kif issuċċeda s-sinistru. Din is-sitwazzjoni hija ħaġa komuni ħafna, allura t-Tribunal ta' bil-fors ikollu jirreferi ruħu għall-verżjonijiet

mogħtija mill-istess xufiera a tempo vergine u jevalwa d-dettalji mogħtija mill-istess xufiera seduta stante quddiem dan it-Tribunal.
Ix-xufier ta' l-attur, sia dakinhar ta' l-inċident u sia t-Tribunal ikkonferma l-verżjoni tiegħu illi fil-mument tal-ħabta huwa kien ipparkjat.

Da parti tiegħu l-konvenut jallega illi fil-mument li pparkja hu ra vettura misjuqa mix-xufier tas-soċjeta' attriċi jaqsam it-triq biex ikun jista' jipparkja. Ex admissis il-konvenut raha lill-vettura l-oħra ġejja biex tipparkja. Vera qasmet min-naħa l-oħra tat-triq, pero' kienet bl-indicator u daħal fil-post.
Ma kien hemm l-ebda allegazzjonijiet mill-partijiet li xi wieħed minnhom kien qed isuq b'xi speed eċċessiv. Di fatti kif jingħad ir-roti kienu bil-kemm kemm iduru.
Tenut taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jirriżulta illi x-xufier konvenut naqas li jżomm mija fil-mija (100% ) "a proper lookout" fis-sens illi avolja ra x'kien qed jiġri quddiemu, dan aġixxa mhux skond dak li kien qed jara quddiemu iżda aġixxa differentement. Di fatti d-daqqa saret meta x-xufier ta' l-attur kien ġa qed joħroġ mill-karozza tiegħu.
Pero jista' jkun ukoll li x-xufier attur ħaffef u kien żbrigattiv biex jipparkja peress li ried jipparkja dak il-ħin u di fatti kellu jmur in-naħa l-oħra tat-triq. Di fatti huwa ġie wrong way biex ipparkja. Veru illi ġia kien wieqaf meta l-vettura l-oħra ħabtet miegħu, pero' dana ikun riżultat illi l-istess xufier kien żbrigattiv jew kemm kemm mgħaġġel. Di fatti huwa bl-indicator qasam min-naħa l-oħra tat-triq u ġie jipparkja wrong side.
Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huwa anke mil-lat ta' ekwita', it-Tribunal iħoss illi r-responsabbilta' għandha tiġi spartita bejn il-partijiet.
Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat.

Jiddeċiedi illi fil-waqt li jilqa' in parti l-eċċezzjoni tal-konvenut u jilqa' wkoll in parti t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' disgħa u sebgħin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm79.87) bi spejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------